# Lectio Divina

## It-32 Ħadd
## Sena B

## Mk 13, 24-32

**Diskors Apokalittiku**

**"Imma f'dawk il-jiem, wara dawk id-dwejjaq, ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija tiegħu, il-kwiekeb jibdew jaqgħu mis-sema, » (v.24-25)**

« f'dawk il-jiem » : fil-kuntest ta' (ara 13,17.19-20), hija kelma tipika tal-profeti meta jiġu biex iħabbru ġrajja fil-futur indeterminat.

Qabel din is-silta jissemmew t-tribulazzjonijiet u issa Ġesù jsemmi l-ġrajjiet marbuta mal-qawwiet kożmiċi.

**« ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija tiegħu, il-kwiekeb… » :** il-bniedem isib ruħu quddiem qawwiet li m'għandux kontroll fuqhom u li ġejjin minn dak li hu estern għalih.

- F'ċertu livell Ġesù qed jagħti viżjoni simbolika tal-waqgħa ta' Ġerusalemm u tat-tempju. Għal-Lhud, it-tempju kien il-mikrokożmu tal-univers, il-post fejn jiltaqgħu s-sema u l-art. Fil-fatt, l-istess velu tat-tempju kien mżejjen bi xbihat tal-kwiekeb; is-seba' dwal tal-***menorah*** jirrappreżentaw ix-xemx, il-qamar u l-ħames pjaneti magħrufa dak iż-żmien. F'dan is-sens, il-profezija ta' Ġesù seħħet fis-sena 70 WK meta r-Rumani, taħt Titu, qerdu għal kollox it-tempju u miegħu l-post fejn setgħu joffru s-sagrifiċċji tagħhom.
- Mark qed jalludi għal livell ieħor: Il-kliem ta' Ġesù seħħ ukoll fil-kruċifissjoni meta x-xemx iddallmet (ara 15,33).

- B'referenza għall-ħolqien (ara Ġen 1,14-18) hemm il-profezija tat-tmiem tad-dinja (ara 2 Pt 3,10 ; Apok 21,1). Dak li hu maħluq ser jintemm għax « is-sura ta' did-dinja għad tgħaddi » (1 Kor 7,31).

**Imbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fis-sħab b'qawwa kbira u bi glorja. » (v.26)**

Dak li jiġri qabel huwa preludju neċessarju għar-rebħa definittiva t'Alla.

**« Bin il-bniedem »**: dan huwa terminu b'referenza għall-profezija ta' Danjel (ara Dan 7,13-14) li Ġesù japplika għalih innifsu quddiem is-Sinedriju (ara 14,62 ; ara wkoll 8,38-9,1). Hemm ukoll referenza għall-aħħar taż-żmenijiet meta l-qawwiet tal-ħażen sejrin jintemmu u Ġesù ser ikun jidher quddiem kulħadd fil-qawwa u l-glorja tiegħu, li kienet dehret  lit-tliet dixxipli fit-Trasfigurazzjoni (ara 9,2-3).

**U mbagħad jibgħat l-anġli biex jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema » (v.27)**

« **jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu »:** dawk li baqgħu fidili lejh (ara 13,20.22). Huma ma jistgħux jibqgħu fid-dinja peress li dak li hu tad-dinja ser jispiċċa.

**« mill-erbat irjieħ »:** Fl-Antik Testment l-erbat irjieħ jirreferu għal kull parti tad-dinja fejn il-poplu ta' Iżrael xtered (Żak 2.6), imma minn fejn Alla wiegħed li jgibhom lura (ara Eżek 37,9.21; 39,27 ara wkoll Dt 30,3-4 ; Is 11,11-12). Is-Salvazzjoni mwiegħda tara f'Ġesù dak li « jiġbor f'ġemgħa waħda l-uied t'Alla li kienu mxerrdin » (Ġw 11,52) tant li x-xewqa tad-dixxiplu : "nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija" (Fil 1,23) tiġi rrealizzata.

**« jibgħat l-anġli** » : ***(angeloi)*** li tfisser ukoll 'messaġġiera'. Huma l-anġli li fl-aħħar taż-żmenijiet ser jiġbru t-tajba fis-Saltna (ara Mt 13,30.38-43), imma  huma wkoll l-Appostli li ser iwasslu l-messaġġ tal-Vanġelu fid-dinja kollha.

**"Mis-siġra tat-tin tgħallmu din il-parabbola. Meta l-fergħa tagħha tirtab u tarmi l-weraq, intom tintebħu li s-sajf fil-qrib. » (v.28)**

**"Mis-siġra tat-tin tgħallmu »:** Ir-rebbiegħa fil-Palestina hija wisq qasira u s-sajf kien jiġi kkalkolat mill-kambjament tas-siġra tat-tin.

**« din il-parabbola » :** L-għerq tal-kelma ***paraballō*** jfisser li tqiegħed ħaġa ħdejn l-oħra: iċ-ċiklu naturali tas-siġra tat-tin huwa mqiegħed ħdejn « meta taraw dan jiġri » (13,29).

**Hekk ukoll meta taraw dan jiġri, kunu afu li hu fil-qrib, fil-bieb. (v.29)**

Ġesù ser imur lura għat-talba li kienet saritlu qabel: « Għidilna dan meta għad jiġri u x'se jkun is-sinjal li dan kolllu jkun wasal. » (13,4).

Is-siġra tat-tin toħroġ il-weraq f'April, fi żmien l-Għid – huwa ż-żmien tas-sena meta Ġesù qiegħed jagħmel dan id-diskors (Id-daħla messjanika f'Ġerusalemm tibda mill-kapitlu 11). Il-Knisja mill-bidu kienet tistaqsi: « Mulej, hu dan iż-żmien ? » (Atti 1,6). It-tweġiba hi li kull tip ta' 'taqlib', għal dawk li huma fi Kristu, jinbidel fit-tama li Ġesù huwa preżenti: « Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat ; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi » (Apok 3,20).

**Tassew ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel qabel ma jiġri dan kollu. » (v.30)**

Skont il-kalkoli tradizzjonali Lhud, ġenerazzjoni tfisser erbgħin sena u filfatt il-qerda tat-tempju ġrat qabel dan iż-żmien. Ġesù jirrepeti dak li kien qal qabel: « Tassew ngħidilkom li hawn xi wħud minnkom li qegħdin hawn, li żgur ma jġarrbux il-mewt qabel ma jaraw il-wasla tas-Saltna t'Alla, mogħnija bil-qawwa » (9,1). Imma b'dan il-mod profetiku, din il-wegħda ta' ħelsien issir minn issa kelma ta' inkoraġġiment quddiem kull tip ta' esperjenza li tidher imdallma.

**Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.. » (v.31)**

Il-kelma tiegħu hija iżjed qawwija mill-ħolqien tal-univers (ara Is 40,8 ; 51,6).

**"Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli fis-sema, u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier. » (v.32)**

Kif u fejn jitqiedgħu wlied Żebedew fis-Saltna ħadd ma jaf ħlief il-Missier (ara 10,40)

**« ħadd ma jaf meta » :** Filwaqt li hawn Ġesù qed jirreferi għall-aħħar jum, Jum il-Ġudizzju (ara Amos 8,3-14 ; Żak 12,3-14 ; ara wkoll Mt 24,36-42), dan il-Jum huwa wkoll il-jum tal-Passjoni (ara 2,20). Is-'siegħa' hija l-miġja bla mistennija ta' Bin il-Bniedem (ara 13,26-

27.35; ara wkoll Mt 24,50), imma hija wkoll is-siegħa tat-tbatija ta' Ġesù (ara 14,35.41) u tad-dixxipli (ara 13,11). Il-passjoni ta' Ġesù hija l-bidu tat-tmiem tal-istorja. Kif is-siegħa tal-passjoni tħares lejn il-futur ta' dawk li kienu ser ikunu dixxipli tiegħu, hekk it-tmiem tat-tempju u tal-qima tal-patt il-qadim qed iħares lejn it-tmiem tad-dinja.